# 35. L-Imrieħel

Il-merħla xterrdet ġol-qortin ħadrani:
hemmhekk hemm żewġ mogħżiet jagħtu bir-ras,
u iżjed 'l hemm gidjien u ħrief jiżżeffnu
sakemm fuq ħniekhom ħomor jinbtu d-dras;

Muntun u nagħġa ħarbu ġewwa l-mogħxa,
flimkien ilebbtu ħfief daqs l-iżbandola;
sa fuq ir-ras tas-sies telgħet għabura
iġġebbed il-kappar bi nwaru vjola.

U f'nofs il-mogħxa bil-kappell tat-tiben,
b'sidrija kaġla fuq flanella mbewqa,
u b'terħa ħamra nar, bil-ħatar f'idu,
ir-R'għaj igħasses fuq il-merħla mżewqa.

Fid-dalma ta' bil-lejl hemm merħla kwiekeb,
fl-għelieqi tas-smewwiet tirgħa d-dawl ħaj;
iżda dil-merħla timraħ waħdenija:
ir-R'għaj ma jidher qatt: tgħid m'għandhiex R'għaj?